# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju 2019**

**Numru 26**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 17/2016/1**

**Redent Pintley u martu Rosaria Pintley**

***v.***

**Dr Josianne Cutajar bħala Kap Eżekuttiv**
**u in rappreżentanza ta'**
***Saint Vincent de Paul Residence***

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali fl-20 ta' Novembru 2018 li ma sabet ebda ksur tad-drittijiet tagħhom taħt tal-artt 3, 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"] u taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ["l-Ewwel Protokoll"] fil-proċeduri li ttieħdu kontra l-attur taħt ir-Regolamenti tal-1999 tal-Proċeduri ta' Dixxiplina

tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ["L.S.Kost.03" jew "ir-Regolamenti tad-Dixxiplina"].

*2.* Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Illi r-rikorrenti hu *nursing aide* regolarment impjegat fir-residenza *San Vinċens de Paule*, u jagħmel ukoll saħra l-isptar;

»Illi fil-15 t'Ottubru 2015, kien intavolat ilment minn pazjent fl-isptar kontra r-rikorrenti Redent Pintley fejn dan allega li l-imsemmi rikorrenti waddablu flixkun tal-plastik ossija flixkun li fih tinġabar l-urina;

»Illi r-rikorrenti involut fl-istess inċident kien ġie mitlub jirrilaxxa stqarrija fir-rigward, liema stqarrija hi datata l-20 t'Ottubru 2015;

»Illi riżultat tal-istess ilment fuq riferit ġiet inizjata investigazzjoni u tul l-istess ir-rikorrenti fuq imsemmi kien ġie sospiż b'effett mill-5 ta' Novembru 2015, u dan skont ir-regolament 12 (3) tar-regolamenti kkonċernati;

»Illi l-*intimata* nomine infurmat lill-istess rikorrenti bis-sospensjoni temporanja u bl-investigazzjoni relattiva permezz t'ittra datata l-5 ta' Novembru 2015;

»Illi fl-istess data indikata fil-paragrafu preċedenti l-intimata *nomine* kitbet lill-kummissjoni li kienet qed tirrakkomanda s-sospensjoni temporanja tal-imsemmi rikorrenti;

»Illi permezz t'ittra datata s-6 ta' Novembru 2015 ir-rikorrenti *de quo* informa lill-kummissjoni li l-miżuri inizjati fil-konfront tiegħu kienu intempestivi stante li l-bord t'investigazzjoni stabbilit biex jeżamina l-ilment in kwistjoni kien għadu ma itterminax l-indaġini tiegħu;

»Illi effettivament il-kummissjoni ddeċidiet li ma tieħu l-ebda proċeduri dixxiplinari kontra r-rikorrenti involut;

»Illi għalhekk permezz t'email datata t-3 ta' Diċembru 2015, l-istess kummissjoni tat struzzjonijiet biex tiġi revokata s-sospensjoni sommarja meħuda fil-konfront tal-istess rikorrenti; u jiġi rifuż nofs is-salarju preċedentement miżmum lir-rikorrenti *de quo* riżultat tal-inċident in diżamina;

»Illi l-imsemmi rikorrenti dam għalhekk sospiż mit-3 ta' Novembru 2015 sas-6 ta' Diċembru, 2015;

»Illi r-rikorrenti *de quo* kien rifuż il-parti tas-salarju preċedentement miżmum in konsegwenza tal-investigazzjoni *de quo.*«

3. Billi dehrilhom li dan sar bi ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom l-atturi fetħu din il-kawża sabiex jitolbu lill-qorti, wara li ssib ksur:

»… tad-dritt għal smigħ xieraq (art. 6),

»… tad-dritt għal ħarsien minn trattament inuman u degradanti (art. 3),

»… tad-dritt għat-tgawdija tal-possedimenti (art. 1 tal-Ewwel Protokoll) u

»… tad-dritt għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja (art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem …

»tordna lill-intimata tħallas kumpens xieraq li jkun jinkludi d-danni materjali, id-danni non-pekunarji jew danni morali, kif ukoll l-ispejjeż.«

4. Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. Illi preliminarjament l-ilment dwar id-deċiżjoni ta' sospensjoni sommarja mix-xogħol huwa llum kapitlu magħluq minħabba li kif jgħidu r-rikorrenti stess fir-rikors tagħhom huma kisbu eżitu favorevoli mingħand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, sew fejn jolqot it-tneħħija tas-sospensjoni u sew fejn jolqot ir-radd tas-salarju li ma tħallasx sakemm damet sejra s-sospensjoni;

»2. Illi f'dan il-każ il-miżura ta' sospensjoni sommarja ta' Redent Pintley ma kinitx abbużiva iżda kienet waħda ġustifikata u fl-interess pubbliku minħabba li resident fl-isptar sostna li ġarrab ġrieħi f'moħħu minħabba li Redent Pintley allegatament tefagħlu flixkun tal-urina għall-rasu. Tali miżura kienet waħda leġittima wkoll għaliex ibbażata fuq ir-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

»3. Illi l-amministrazzjoni ta' *Saint Vincent de Paule Residence* bħala l-prinċipal tax-xogħol ta' Redent Pintley kellha d-dmir li tissospendi lil Redent Pintley sakemm jiġi investigat dan l-ilment peress li dan l-ilment kien wieħed serju li kellu implikazzjonijiet ta' sura kriminali. Barra minn hekk, billi fil-qadi ta' dmirijietu Redent Pintley kellu kuntatt ma' persuni anzjani u vulnerabbli, kien fl-obbligu tal-amministrazzjoni li għar-raġunijiet ta' prekawzjoni tissospendi temporanjament lil Redent Pintley. Meta imbagħad intemmet l-investigazzjoni u rriżulta li Redent Pintley ma kien wettaq xejn ħażin, kienet l-amministrazzjoni ta' *Saint Vincent De Paule Residence* stess li talbet lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku sabiex twaqqa' s-sospensjoni sommarja;

»4. Illi għalhekk jekk kien hemm xi ħadd li għamel ħsara lir-rikorrenti ma kinitx l-intimata *nomine* li kienet qed taqdi dmirijietha fl-aqwa interess tal-pubbliku, iżda kien min ħareġ bil-qlajja' fuq Redent Pintley. Għalhekk jekk ir-rikorrenti jħossu li sofrew danni bħala riżultat ta' dan l-episodju huma għandhom ifittxu lil min ikkaġuna dan l-inkwiet kollu u mhux lill-esponenti *nomine*;

»5. Illi f'kull każ, apparti li l-intimata *nomine* m'għandhiex twieġeb għad-danni reklamati, ir-rikorrenti lanqas m'għandhom raġun jgħidu li huma kellhom bilfors iressqu din il-kawża ta' għamla kostituzzjonali biex jiksbu danni materjali u danni morali

f'daqqa (ara f'dan is-sens is-sentenza Jane Agius *v.* L-Avukat Ġenerali *et*, Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Diċembru 2015);

»6. Illi bla preġudizzju, għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu, ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba li dan l-artikolu jgħodd biss fil-konfront ta' qorti u tribunal, u l-intimata *nomine* ma hija l-ebda wieħed minnhom. F'kull każ ma jirriżultax li r-rikorrenti fissru b'liema mod huma ġarrbu ksur ta' smigħ xieraq u għalhekk ebda dikjarazzjoni pożittiva ta' leżjoni ta' dan l-artikolu ma tista' tiġi milqugħa. Anzi minn dak li ngħad minnhom fir-rikors kostituzzjonali jidher li huma kellhom aċċess miftuħ quddiem awtorità kostituzzjonali biex jindirizzaw il-pożizzjoni tagħhom;

»7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab mibni fuq allegata vjolazzjoni tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti nomine tiddikjara li r-rikorrenti assolutament ma ġew assoġġettati għal ebda piena jew trattament inuman jew degradanti. Miżuri temporanji ta' sospensjoni mix-xogħol, sakemm jiġu mitmuma investigazzjonijiet dixxiplinarji, taħt l-ebda forma ta' immaġinazzjoni ma jistgħu jikkwalifikaw bħala xi pieni jew trattamenti degradanti u / jew inumani. Anzi miżuri bħal dawn, mogħtija f'ambitu ta' investigazzjonijiet ta' għamla dixxiplinarja, huma komuni ħafna, jekk mhux ukoll mistennija, li jittieħdu f'soċjetà ċivili u demokratika;

»8. Illi tali sospensjoni sommarja hija kontemplata fir-regolamenti ta' dixxiplina u hija miżura li tittieħed b'mod prekawzjonali sakemm tintemm l-investigazzjoni li tkun qed issir fil-konfront ta' uffiċjali pubbliku;

»9. Illi jeżisti trattament degradanti meta dan jilħaq livell minimu ta' severità. Għalkemm stħarriġ dixxiplinarju jista' joħloq ċertu ansjetà u jista' jaffettwa wkoll ir-reputazzjoni ta' persuna, madankollu dan bl-ebda mod remot ma jista' jitqies daqshekk gravi li jikkostitwixxi trattament inuman u / jew degradanti. Wara kollox kien fid-dmir tal-awtoritajiet li jinvestigaw jekk ir-rikorrent Rden Pintley ikkommettix dak li kien ġie mixli illi wettaq;

»10. Illi f'dan il-każ, is-sospensjoni tar-rikorrent Redent Pintley u l-investigazzjoni fil-konfront tiegħu damu biss ftit ġimgħat u għalhekk mhuwiex xieraq min-naħa tar-rikorrenti li jagħmlu allegazzjoni serja bħal din, li għandha karattru inġurjuż jekk mhux ukoll libelluż;

»11. Illi bi tweġiba għal ċertu kummenti mgħoddija fir-rikors kostituzzjonali l-esponenti *nomine* tagħder lir-rikorrenti, li Rosaria Pintley kellha tibda ċerti kuri kontra l-mard u f'dan ir-rigward hija tawgura kull fejqan. Mill-banda l-oħra però l-istess esponent *nomine* ma tarax li huwa sew li r-rikorrenti joqgħodu jsemmu din il-kwistjoni personali li m'għandha x'taqsam xejn u hija irrilevanti għall-finijiet ta' din it-tilwima;

»12. Illi għalhekk minn dan kollu għandu jirriżulta li anke dan it-tieni ilment ma huwiex ġustifikat u m'għandux jintlaqa';

»13. Illi bla ħsara għall-premess, safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab mibni fuq l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, dan huwa għal kollox insostenibbli minħabba li fil-każ inkwistjoni ħadd ma ħa xi ġid tar-rikorrenti jew b'xi mod fixxkilhom fit-tgawdija ta' ġidhom;

»14. Illi għalkemm huwa minnu li r-rikorrent Redent Pintley ma kienx qed jirċievi nofs is-salarju sakemm dan ġie sospiż, però dik il-parti tas-salarju miżmuma ħadha lura, hekk kif ġie ordnat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Għaldaqstant ir-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw b'suċċess li ġie mkasbar lilhom il-jedd tat-tgawdija ta' ħwejġu;

»15. Illi dejjem bla preġudizzju għal dak fuq imsemmi, jissokta jingħad li ħadd ma kasbar il-ħajja privata u / jew id-dritt għall-ħajja [tal-familja] ta' xi ħadd mir-rikorrenti kif imħares bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Is-sospensjoni temporanja kienet relatata max-xogħol ta' Redent Pintley u mhux mal-mod kif ir-rikorrenti jgħixu l-ħajja ordinarja tagħhom. Tassew ħadd ma ndaħal lir-rikorrenti kif iqattgħu l-ħin liberu u privat tagħhom;

»16. Illi f'kull każ jekk is-sospensjoni sommarja titqies bħala għamla ta' ndħil, din ittieħdet fl-interess pubbliku bħala miżura kawtelatorja sakemm jintemmu l-investigazzjonijiet. Jiġi b'hekk li anke dan l-ilment mhuwiex wieħed xieraq u għandu jiġi skartat;

»17. Illi fl-aħħarnett dejjem mingajr preġudizzju għal dak kollu li għadu kemm intqal, ġaladarba r-rikorrenti ma ġarrbux leżjonijiet konvenzjonali allura ebda talba għall-kumpens ma tista' tiġi milqugħa. Dan biex ma jingħadx ukoll li r-rikorrenti ma fissrux fiex jikkonsistu d-danni materjali u morali li huma qed jgħidu li sofrew. Għalhekk anke fl-assenza ta' prova ta' danni, ir-rikorrenti ma huma intitolati għal ebda kumpens.«

5. L-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Ikkunsidrat:

»illi essenzjalment ir-rikorrenti jsostnu li riżultat tas-suespost sofrew leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif elenkati aktar qabel …;

»illi għalhekk qegħdin ukoll jitolbu li jingħataw kumpens xieraq …;

»illi għalhekk il-vertenza odjerna tiddependi mill-analiżi tal-proċedura adoperata mill-intimata *nomine* wara li din kienet infurmata bl-ilment introdott fil-konfront tar-rikorrenti in kwistjoni;

»Illi in effetti l-proċedura adoperata fir-rigward tirriżulta naxxenti mir-regolament 12(3) tar-Regolamenti tal-1999 tal-Proċeduri ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, li tirriżulta li kienet ikkomunikata lir-rikorrenti *de quo* permezz t'ittra datata l-5 ta' Novembru 2015;

»illi in effetti l-imsemmi regolament 12 (3) riferit fil-paragrafu preċedenti jistipula is-segwenti:

»"Il-Kap tad-Dipartiment jista' jissospendi lill-uffiċjali mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni";

»Ikkunsidrat:

»illi fir-rigward tal-allegata leżjoni tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni jingħad sintetikament is-segwenti:

»illi dan l-artiklu partikolari jipproteġi u jassigura d-dritt għal proċediment ġust;

»illi għal kull buon fini jibda biex jiġi sottolineat li r-rikorrenti in kwistjoni ngħata l-opportunità biex jippreżenta l-versjoni tiegħu ta' kif seħħew il-fatti in diżamina u fil-fatt ippreżenta din il-versjoni fl-20 t'Ottubru 2015;

»illi però jiġi wkoll osservat li l-intimata *nomine* hi biss il-Kap Eżekuttiv tar-Residenza San Vinċenz, u bl-ebda mod ma tikkwalifika bħala "tribunal indipendenti u imparzjali", "qorti", jew "awtorità ġudikanti", fit-termini tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni, b'xi funzjoni li tagħti xi deċiżjoni dwar "drittijiet" jew "obbligi ċivili" kif determinat fl-artiklu 6 in diżamina;

»… … …

»illi ġaladarba l-intimata *nomine*, kemm personalment, kif ukoll fil-kapaċità amministrattiva naxxenti mill-kariga li hi tokkupa fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika, ma tikkwalifikax bħala "tribunal" jew "awtorità ġudizzjarja" għall-finijiet u effetti tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni jew l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni, l-azzjoni hawn tentata mir-rikorrenti fil-konfront tal-istess intimata *nomine* ma treġġix *stante* li din ma taqdi l-ebda funzjoni ġudizzjarja;

»illi *in vista* tal-premess l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni rikjamat mir-rikorrenti biex jistrieħu fuqu għall-lanjanza minnhom postulata ma japplikax;

»illi għalhekk ma tirriżulta l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ibbażati fuq l-imsemmi artiklu, u konsegwentement din it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi respinta.

»Ikkunsidrat:

»illi fir-rigward tal-allegata leżjoni tal-artiklu 3 tal-Konvenzjoni jingħad sintetikament is-segwenti:

»illi l-artiklu *de quo* essenzjalment jipprojbixxi t-tortura u t-trattament inuman u jistipula s-segwenti:

»… … …

»illi fir-rigward ta' trattament degradanti ġeneralment, dan jitqies li jirreferi għal dak it-trattament li jġiegħel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fiżika kif ukoll morali tal-vittma jew li jġiegħel lill-vittma li taġixxi kontra l-volontà tagħha;

»… … …

»illi taħt dan il-kap partikolari jiġi sottolineat li r-rikorrenti in kwistjoni kien ġie sospiż sakemm tiġi konkluża l-investigazzjoni li kien doveruż li tiġi istitwita wara allegazzjonijiet serji li kienu ġew sollevati fil-konfront tiegħu;

»illi din l-azzjoni kif hekk meħuda mill-intimata *nomine* hi ibbażata fuq l-artiklu 12(3) tar-Regolamenti Dixxiplinari appożiti;;

»illi konsegwenza tal-istess għandu jkun paċifiku li azzjoni ibbażata fuq regolamenti stabbiliti skont il-liġi ma tammontax għal trattament inuman u degradanti kif mifhum u stabbilit fil-Konvenzjoni;

»illi għalhekk ma tirriżulta l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ibbażata fuq l-imsemmi artiklu, u konsegwentement, anke din it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi respinta.

»Ikkunsidrat:

»illi rigward tal-allegata leżjoni tal-ewwel artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jingħad sintetikament is-segwenti:

»… … …

»illi … dan l-artiklu konvenzjonali partikolari jipproteġi d-dritt taċ-ċittadin għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu;

»illi għandu wkoll jirriżulta paċifiku anke *ictu oculi* mill-istess artiklu … li dan id-dritt mhux wieħed assolut *stante* li jirriżulta li tali dritt hu dejjem suġġett għal-limiti dettati minn soċjetà demokratika li tħaddan is-sovranità tad-dritt billi l-istat jista' jaġixxi fir-rigward fl-interess pubbliku mingħajr ma jikser kundizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, u skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali;

»illi l-istess jingħad fid-dawl tal-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni fejn hemmhekk hu wkoll salvagwardat id-dritt għal kumpens xieraq u aċċess għall-qrati jew tribunal indipendenti u imparzjali;

»illi għandu jkun paċifiku li s-salarju ta' individwu jaqa' fil-parametri tad-definizzjoni ta' "proprjetà" *stante* li dan jiffirma parti mill-patrimonju ta' min jipperċepih;

»illi però għandu wkoll ikun paċifiku li r-ritenzjoni ta' nofs is-salarju tar-rikorrenti in kwistjoni pendenti l-investigazzjoni tal-ilment li kien inoltrat fil-konfront tiegħu kienet miżura leġittima u proporzjonali;

»illi għalhekk ma tirriżulta l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ibbażata fuq l-imsemmi artiklu hawn in diżamina, u konseg-wentement, anke din it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi respinta.

»Ikkunsidrat:

»illi rigward l-allegata leżjoni sofferta mir-rikorrenti fir-reputazzjoni tiegħu, jingħad sintetikament is-segwenti:

»illi effettivament dan il-kweżit jeżorbita l-valur ekonomiku jew kummerċjali indirizzat mir-rikorrenti;

»illi għalhekk din it-talba tmur lil hemm mill-applikazzjoni tal-ewwel artiklu tal-1 Protokoll hawn in diżamina;

»… … …

»illi għalhekk anke f'dan ir-rigward ma tirriżulta l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ibbażata fuq dan l-ewwel artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u għalhekk anke din it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi respinta.

»Ikkunsidrat:

»illi rigward l-allegata leżjoni tal-artiklu 8 tal-Konvenzjoni jingħad sintetikament is-segwenti:

»illi dan l-artiklu essenzjalment jirrigwarda d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja … … …

»… … …

»illi jiġi immedjatament sottolineat fir-rigward ta' dan l-artiklu *konvenzjonali* partikolari li n-nozzjoni ta' rispett fuq inkluża mhix waħda sintassikament u legalment ċara u univoka;

»… … …

»illi … … … għandu jirriżulta paċifiku li jekk is-sospensjoni tar-rikorrenti mill-impjieg tiegħu u s-sospensjoni ta' nofs is-salarju tiegħu tal-investigazzjoni li kienet saret obligatorja għall-intimata *nomine* wara l-ilment inoltrat kif fuq elenkat jistgħu jitqiesu bħala indħil jew inġerenza fil-ħajja privata tar-rikorrenti u tal-familja tagħhom, tali inġerenza tirriżulta li kienet ġustifikabbli u saret skont il-liġi;

»illi għalhekk hawn ukoll ma tirriżulta l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ibbażata fuq l-imsemmi artiklu hawn ukoll in diżamina, u konsegwentement, anke din it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi respinta.«

6. L-atturi appellaw b'rikors tas-7 ta' Diċembru 2018 li għalih il-konvenuta wieġbet fl-14 ta' Diċembru 2018.

7. Fl-ewwel aggravju l-atturi jgħidu illi meta l-konvenuta issospendiet lill-attur ma mxietx kif iridu ir-Regolamenti tad-Dixxiplina. Ifissru l-ewwel aggravju tagħhom hekk:

»Illi bir-rispett dovut, għalkemm ir-Regolamenti jistabbilixxu l-proċedura li għandha tiġi applikata u segwita fil-każ li jkun hemm lok għal azzjoni dixxiplinarja, is-sentenza appellata ma ssegwix l-*iter* proċesswali stipulat fir-Regolamenti. Dan seħħ għaliex l-ewwel qorti emnet lill-Kap Esekuttiv Dr Josianne Cutajar ċjekament kemm sija fir-rigward tal-verżjoni dwar kif seħħew il-ġrajjiet ta' dan il-każ, u sija fir-rigward ta' x'kienu jgħidu ir-Regolamenti.

»Illi fis-sentenza appellata jingħad li, skont is-*CEO*, kien l-obbligu tal-amministrazzjoni tar-Residenza *San Vinċenz* li tissospendi lis-Sur Pintley "sakemm jiġi investigat l-ilment kontrih li kien wieħed serju b'implikazzjonijiet ta' natura kriminali". Barra minn hekk, … fis-sentenza appellata jingħad li, skont l-istess *CEO*, is-sospensjoni saret fl-interess pubbliku u bħala miżura kawtelatorja sakemm tintemm l-investigazzjoni. Skond ma ġiet ikkwotata s-*CEO* … din is-sospensjoni kienet waħda temporanja.

»… … … il-qorti kkunsidrat li regolament 12(3) jistipula is-segwenti:

»"Il-Kap tad-Dipartiment jista' jissospendi lill-uffiċjal mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummiss-joni."

»Kif intqal, permezz ta' ittra datata l-5 ta' Novembru 2015, is-*CEO* infurmat lis-Sur Pintley li kien qed jiġi akkużat li kien sawwat pazjent (permezz ta' akkuża formali maħruġa kontrih skont regolament 20 tar-Regolamenti tad-Dixxiplina li kienu japplikaw dak iż-żmien).

»Fis-sentenza jingħad li, skont is-*CEO*, wara li ntemmet l-investigazz-joni li eżonorat lis-Sur Pintley mill-akkuża kontrih, l-amministrazzjoni ta' *San Vinċenz* kienet talbet lill-kummissjoni biex tirrevoka s-sos-pensjoni sommarja tiegħu mix-xogħol, liema sospensjoni … kienet waħda temporanja (mhux sommarja kif fil-fatt kienet).«

8. Għandu jingħad qabel xejn illi meta l-atturi jiċċitaw dak li qalet l-ewwel qorti, ma jiċċitawx mill-konsiderazzjonijiet iżda mill-parti fejn il-qorti, b'applikazzjoni tal-art. 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għamlet referenza għal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta. Is-siltiet imsemmija mill-atturi għalhekk ma jirriflettux il-posizzjoni li ħadet l-ewwel qorti – għalkemm b'nuqqas ta' korrettezza l-atturi jfittxu li jagħtu x'tifhem li hekk hu – iżda jirriflettu biss il-posizzjoni tal-konvenuta.

9. Għandu jingħad ukoll illi, jekk tassew il-konvenuta ma mxietx kif iridu r-Regolamenti tad-Dixxiplina, dan kien ikun każ ta' ksur ta' liġi oridinarja u l-atturi kellhom għalhekk ifittxu rimedju taħt il-liġi ordinarja u mhux jittrivjalizzaw id-drittijiet fondamentali billi jfittxu rimedju kostituzzjonali.

10. Fil-mertu, l-atturi mkien ma wrew kif il-konvenuta ma mxietx kif iridu r-Regolamenti tad-Dixxiplina. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, fejn l-attur jaħdem ma' persuni vulnerabbli li ma jistgħux jiddefendu lilhom infushom, kien ċertament għaqli illi, meta tqis l-akkuża serja

magħmula kontra l-attur, jittieħdu minnufih passi maħsuba bixex jipproteġu lill-pazjenti sakemm tintemm l-investigazzjoni, u r-reg. 12(3) jagħti lill-konvenuta s-setgħa li tagħmel dak li għamlet. Għandu jingħad illi s-sospensjoni kienet taħt ir-reġ. 12 – "każ ta' allegat reat gravi" – u mhux taħt ir-reg. 11 – imġiba ħażina jew ksur ta' dixxiplina jew nuqqas li jobdi ordni leġittima. Anzi, kienet tonqos l-attriċi li kieku ma ħaditx dawk il-passi u ħalliet persuni vulnerabbli esposti għall-perikolu ta' mġieba bħal dik li l-attur kien mixli biha. Iċ-ċirkostanzi kienu mhux biss jippermettu iżda anzi jesiġu sospensjoni bħala miżura kawtelatorja. Li hu relevanti hu illi hekk kif – fi żmien qasir u raġonevoli – ġie stabilit li dak li kien mixli bih l-attur ma kienx minnu, is-sospensjoni tiegħu tħassret minnufih u ngħata dik il-parti tas-salarju li kienet inżammet sakemm damet għaddejja l-investig-azzjoni.

11. Dan l-ewwel aggravju, li l-qorti tqisu x'aktarx fieragħ, huwa għalhekk miċħud.

12. It-tieni aggravju ġie imfisser hekk:

> »Illi fis-sentenza appellata ma ngħatax piż xieraq lill-verżjoni korretta tal-fatti u tar-Regolamenti u b'hekk ma sarx apprezzament xieraq u korrett ta' dak kollu li għandu x'jaqsam mal-każ.
>
> »Mill-fatti joħroġ li:
>
> »1. l-akkuża li kienet saret oriġinarjament kontra l-esponent Redent Pintley kienet li huwa kien waddab flixkun tal-plastik (li ma kienx minnu) li fiħ tinġabar l-urina lil pazjent. Dan ma kienx rifless fl-akkuża dixxiplinarja maħruġa kontra l-esponent mis-*CEO*, li permezz tagħha akkużatu mingħajr ebda bażi li kien sawwat pazjent;
>
> »2. huwa żbaljat dak li jingħad fit-tweġiba tas-*CEO* li s-sospensjoni ta' l-esponent Redent Pintley kienet "sospensjoni temporanja". Is-setgħa dixxiplinarja mogħtija lilha skont ir-regolamenti tad-dixxiplina hija limitata għall-ħruġ ta' "sospensjoni sommarja", filwaqt li sospensjoni

temporanja tingħata mill-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-*PSC*.

»3. il-kummissjoni ma' tirrevokax sospensjonijiet ta' natura sommarja maħruġa minn kap ta' dipartiment. Ġaladarba s-*CEO* dehrilha li kien ġie kommess reat serju b'implikazzjonijiet ta' natura kriminali mill-esponent Redent Pintley, u li għalhekk kellha tissospendih sommarja-ment bħal ma fil-fatt għamlet, ma kienx biżżejjed li hija tikteb lill-kummissjoni biex titlobha tissusspendih temporanjament skont regolament 12(3), iżda kellha l-obbligu li simultanjament tikkonsulta mal-Avukat Ġenerali skont regolament 13 tar-Regolamenti tad-Dixxiplina dwar jekk għandhiex tiġi istitwita prosekuzzjoni. F'dak il-każ kellhom isiru akkużi kontra l-esponent Redent Pintley li jiġu approvati mill-Avukat Ġenerali, qabel ma huwa jkun meħtieġ iwieġeb għalihom jew qabel ma jiġu istitwiti proċeduri dixxiplinarji. Iżda s-*CEO* ma' għamlet ebda konsultazzjoni ta' din ix-xorta mal-Avukat Ġenerali u l-ewwel qorti ma ħaditx kunsiderazzjoni ta' dan fis-sentenza tagħha. Għalhekk, is-sentenza appellata mhix kompatibbli ma' dak li hemm provdut fir-Regolamenti.

»4. fin-nuqqas tal-azzjoni imsemmija min-naħa tas-*CEO*, kellhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' subartiklu 11(2), jiġifieri li l-appellant jkollu d-dritt li jirraporta lura għax-xogħol wara li jiskadi l-perijodu ta' sospensjoni ta' jumejn li jista' jiġi estiż għal ħamest ijiem ta' xogħol, filwaqt li jirċievi l-ammont sħiħ ta' salarju miżmum lilu matul il-perijodu ta' sospensjoni sommarja.

»5. b'danakollu, b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, is-*CEO* Dr Josianne Cutajar żammet lill-esponent Redent Pintley sospiż għal 30 ġurnata sħaħ (mill-5 ta' Novembru sas-5 ta' Diċembru 2015).

»6. fl-istess waqt, ix-xhud Audrey Anne (Audrienne) Bugeja, *support service manager* f'*San Vinċenż*, kienet kitbet lill-kummissjoni permezz ta' ittra elettronika tat-13 ta' Novembru 2015, fejn tat informazzjoni skorretta billi qalet li kienu ġew istitwiti passi dixxiplinarji kontra l-appellant, u b'hekk hija ġġustifikat s-sospensjoni sommarja maħruġa lill-esponent Redent Pintley mis-*CEO*. B'konsegwenza ta' dan, minkejja li meta l-esponent eventwalment ġie msejjaħ biex jidħol lura għax-xogħol huwa rċieva l-ammont sħiħ ta' salarju miżmum lilu matul il-perijodu ta' sospensjoni sommarja, huwa sofra telf finanzjarju fil-forma ta' *allowances* relatati max-xogħol tiegħu, ħlas għal attendenza fil-Ħdud u festi pubbliċi, u saħra fuq bażi regolari li tammonta għal madwar elfejn u ħames mitt euro (€ 2,500).

»7. fit-3 ta' Diċembru 2015, il-kummissjoni minn jeddha (u mhux għax talbitha l-intimata kap esekuttiv kif intqal fis-sentenza appellata) ordnat lis-*CEO* biex tneħħi s-sospensjoni temporanja minn fuq l-esponent u ddaħħlu lura għax-xogħol filwaqt li tirrimborsa s-salarju sħiħ mitluf, peress li kuntrarjament għal dak li kitbet u xehdet Audrey Anne Buġeja, l-ebda proċeduri dixxiplinarji ma kienu ġew istitwiti kontriħ.

»Minn dan hawn fuq imfisser, jirriżulta iswed fuq l-abjad illi l-intimata Dr Josianne Cutajar –

»(a) naqset li taġixxi skont ir-Regolamenti;

»(b) ħarġet akkuża differenti minn dak li falzament ġie rrappurtat lilha (falzament, għaliex il-pazjent ma kienx qiegħed sewwa mentalment u

mhux b'xi ħażen min-naħa tal-pazjent – tant li kien għamel l-urina fil-*mug* tat-tè);

»(ċ) permezz tas-*support service manager* ta' taħtha, forniet tagħrif qarrieqi lill-Kummissjoni għas-Servizzi Pubbliku billi ddikjarat li kienu nbdew passi dixxiplinarji kontra l-appellant meta dan ma kienx minnu;

»(d) ma kkonsultatx mal-Avukat Ġenerali kif kienet obbligata tagħmel skont ir-regolament 13 fuq imsemmi meta *si tratta* ta' allegat reat; u,

»(e) minflok ma ssospendiet lill-appellant għal minn jumejn sa massimu ta' ħamest ijiem, żammitu sospiż għal 30 ġurnata sħaħ b'telf ta' ammonti konsiderevoli ta' introjtu.

»Jirriżulta għalhekk illi l-intimata kisret b'mod spavald u manifest ir-Regolamenti tal-1999 tal-Proċeduri ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Kif ser naraw, *inoltre*, l-intimata vvintat akkuża li hu kien "sawwat pazjent".«

13. Li jingħad li s-sospensjoni tal-attur ma kinitx "sospensjoni temporanja" huwa logħob bil-kliem. Fil-fatt is-sospensjoni kienet "temporanja" fis-sens lessikali tal-kelma, *viz.* għal żmien u mhux għal dejjem.

14. L-ilmenti kollha li jressqu l-atturi taħt dan l-aggravju huma dwar nuqqas ta' ħarsien ta' liġi ordinarja li għalihom kellhom ifittxu rimedji ordinarji, u mhux ikomplu jittrivjalizzaw id-drittijiet fondamentali billi jfittxu rimedju kostituzzjonali. F'kull każ, fil-mertu ebda wieħed mill-ilmenti ma għandu mis-sewwa.

15. L-atturi jgħidu illi l-konvenuta kellha dmir, taħt ir-reg. 13, illi tikkonsulta mal-Avukat Ġenerali dwar jekk kellhiex tinbeda prosekuzzjoni qabel ma tibda proċeduri dixxiplinari. Fi kliem ieħor, l-attur qiegħed igħid illi kellhom jittieħdu proċeduri aktar serji kontrih. Billi iżda mill-investigazzjoni irriżulta li minn dak li kien mixli bih l-attur ma kien hemm xejn, lill-konvenuta dehrilha – korrettement – li ma kellhiex tmexxi bil-proċeduri aktar gravi li jaħseb għalihom ir-reg.

13 u t-Taqsima II tar-Regolamenti tad-Dixxiplina dwar "Reati Kriminali".

16. L-atturi jgħidu wkoll illi l-attur kellu jitħalla jmur lura għax-xogħol wara mhux iżjed minn ħames ijiem tax-xogħol, kif igħid ir-reg. 11(2). Kif ġà ingħad[1], iżda, is-sospensjoni tal-attur ma saritx taħt ir-reg. 11 minħabba allegazzjoni ta' mġieba ħażina, *etc.* iżda taħt ir-reg. 12(3) minħabba allegazzjoni ta' reat gravi.

17. Barra minn hekk, is-sospensjoni ma kinitx piena dixxiplinari iżda biss miżura kawtelatorja fl-interess ta' persuni vulnerabbli. L-ilment talatturi illi, minħabba s-sospensjoni, ġarrbu telf finanzjarju għax l-attur ma għamilx sahra *etc.* huwa lment li għalih kellhom ifittxu rimedju ordinarju, mhux kostituzzjonali.

18. It-tieni aggravju, li wkoll huwa fieragħ, huwa għalhekk miċħud.

19. Fit-tielet aggravju l-atturi jgħidu hekk:

> »Illi l-esponent Redent Pintley iħossu wkoll aggravat bil-fatt li l-ewwel qorti lanqas ikkummentat, wisq inqas qieset, il-fatt li –
>
> »1. meta s-*CEO* ħarġet l-akkuża formali tagħha kontra l-appellant Redent Pintley li kien "sawwat pazjent" permezz tal-ittra indirizzata lilu bid-data tal-5 ta' Novembru 2015, liema ittra kienet ġiet mgħoddija lilu l-għada s-6 ta' Novembru 2015, kienet diġà ġiet konkluża l-investigazzjoni dwar l-akkuża li huwa kien "waddab flixkun tal-plastik" li fih tinġabar l-urina lil pazjent. Din l-investigazzjoni kienet ġà eżonorat lill-appellant Redent Pintley minn kull ħtija, u għalhekk ma kienx hemm lok li toħroġ l-akkuża dixxiplinarja tas-*CEO* kontra l-appellant, u ċertament hija ma kellha qatt tissospendih mix-xogħol. Jekk għall-kuntrarju, fil-5 ta' Novembru 2015, ir-riżultat tal-investigazzjoni ma kienx għadu magħruf, allura l-intimata kellha tistenna l-eżitu tal-investigazzjoni qabel ma tissospendih u jinfetaħ każ quddiem il-*Public Service Commission*.
>
> »2. l-akkuża li l-appellant Redent Pintley kien "sawwat pazjent" kienet waħda li ma toħroġ jew tirriżulta minn imkien u għalhekk ma hi xejn

[1] Para. 10, *supra.*

għajr invenzjoni tal-intimata Dr. Josianne Cutajar. Bir-rispett kollu, dan m'huwiex aġir li l-ewwel qorti setgħet tagħlaq għajnejha għalih jew tikkondonah.«

20. Kif ġà ingħad[2], is-sospensjoni kienet miżura kawtelatorja li, fiċ-ċirkostanzi, il-konvenuta kienet tonqos fid-dmir tagħha lejn il-pazjenti fdati f'idejha li kieku ma ħadithiex. Jekk imbagħad li titfa' flixkun lejn persuna hijiex jew le mod kif issawat persuna, jew jekk swat jistax isir biss billi tolqot lill-vittma bl-idejn jew ukoll billi tolqtu b'xi oġġett ieħor, hija kwistjoni ta' interpretazzjoni li ma tinvolvi ebda kwistjoni ta' drittijiet fondamentali.

21. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud..

22. Ir-raba' aggravju jolqot l-allegazzjoni ta' ksur tal-artt. 3, 6 u 8 tal-Konvenzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, u ġie mfisser hekk:

»Illi bir-rispett dovut, kuntrarjament għal dak li rriteniet l-ewwel qorti, il-protezzjoni jew salvagwardji garantiti mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jestendu għal miżuri dixxiplinarji li jinvolvu sospensjoni mill-impjieg. Id-diċitura tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija wiesgħa u tikkomprendi u tkopri "*all proceedings the result of which is decisive for private rights and obligations*" (Ringeisen *v*. Austria, ECtHR). Minkejja li l-intimata ma twettaqx funzjoni ġudizzjarja, l-azzjonijiet tagħha huma sindakabbli fil-parametri tal-artikolu 6 (Bryan *v.* UK) peress li hija ddeterminat id-drittijiet u l-obbligi ċivili tal-appellanti. Għalhekk, l-appellanti jgħid li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplika *in vista* tas-sospensjoni mill-impjieg u telf ta' introjtu sostanzjali.

»Illi fir-rigward ta' dak li ġie ritenut dwar l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, hawnhekk m'aħniex nitkellmu fuq tortura, iżda fuq trattament inuman jew degradanti. Hawnhekk tidħol fl-istampa r-rikorrenti Rosaria Pintley, mara li qiegħda tħabbat wiċċha mal-marda tal-*cancer*. Is-sospensjoni ta' żewġha mill-impjieg fuq pretest li "sawwat pazjent" ħabtet ma' dak li għaddejjin minnu r-rikorrenti matul dan iż-żmien tassew diffiċli. L-intimata, kif intwera hawn fuq, aġixxiet lil hinn minn dak li jistipulaw ir-Regolamenti tal-1999, ifformulat akkuża ineżistenti, eċċediet is-setgħa tagħha u, minflok issospendietu għal bejn jumejn u ħamest ijiem bħala massimu, issospendietu għal 30 jum, u naqset li tikkonsulta mal-Avukat Ġenerali. Ir-rikorrenti jisħqu li dan jammonta għal trattament inuman jew degradanti. Issa, tenut kont illi l-intimata ddeċidiet li tinjora x'igħidu r-Regolamenti u saħansitra li, b'ċertu

[2] *Ibid.*

element ta' malizzja, tivvinta akkuża li ħadd ma semma dwaru, japplika l-kriterju ta' "*deliberately causes severe suffering, mental or physical*". L-intimata umiljatu mal-impjegati l-oħra, kemm f'*Mater Dei Hospital* kif ukoll fir-Residenza *San Vinċenz de Paul*. Lanqas stenniet ir-riżultat tal-investigazzjoni iżda qabdet u ssospendietu: "t*o humiliate and debase the person concerned*".

»Bir-rispett kollu, is-sentenza qalbet il-pożizzjoni: skont il-paragrafu 16/9: "ir-rikorrenti in kwistjoni kien ġie sospiż sakemm tiġi konkluża l-investigazzjoni li kien doveruż li tiġi istitwita wara allegazzjonijiet serji li kienu ġew sollevati fil-konfront tiegħu". Fil-fehma tal-esponent, jekk ittieħdu passi qabel ma sar magħruf ir-riżultat tal-investigazzjoni, dan sar bi preġudizzju għar-rikorrenti. Jekk is-sospensjoni tiegħu seħħet wara li sar magħruf ir-riżultat tal-investigazzjoni, *cioè* li ma kienx hemm każ, allura s-sospensjoni tiegħu saret bi preġudizzju aktar għar-rikorrenti. Tħares kif tħares lejn din is-sitwazzjoni, ir-rikorrenti ġarrbu tbatija serja: "*distress or hardship*" – aktar u aktar minħabba dak li kienet għaddejja minnu Rosaria Pintley.

»… … … l-ewwel qorti tat raġun lill-intimata u rriteniet li l-azzjoni kienet ibbażata fuq regolamenti stabbiliti skont il-liġi, u allura ma kienx hemm trattament inuman u degradanti. Iżda, f'dan ir-rikors tal-appell hemm riferenza għal provi ċari li juru li l-intimata ma tistax tiġi ġustifikata fir-rigward tal-*modus operandi* tagħha fil-każ odjern.

»Fir-rigward tal-artikolu 1 tal-Protokoll I dwar it-tgawdija tal-proprjetà, il-qorti sabet li "r-ritenzjoni ta' nofs is-salarju tar-rikorrenti in kwistjoni pendenti l-investigazzjoni tal-ilment li kien inoltrat fil-konfront tiegħu kienet miżura leġittima u proporzjonata". L-appellant ma jistax jaqbel ma' dina l-konklużjoni għar-raġunijiet ġà spjegati. Sija jekk l-intimata ssospendietu qabel ma kellha r-riżultat tal-investigazzjoni quddiemha, u sija jekk l-intimata ssospendietu wara li saret taf li l-investigazzjoni uriet li ma kellu l-ebda ħtija, l-intimata kienet fuq in-naħa żbaljata tal-liġi.

»Barra minn hekk, ir-rikorrent tilef ħafna aktar minn dak in-nofs tas-salarju li wara ġie rilaxxjat lilu. Tilef l-*allowances*, eċċ. li ssemmew iktar qabel.

»Fir-rigward tad-dritt għal reputazzjoni tajba, l-ewwel qorti warrbet dina l-leżjoni u qalet hekk: "effettivament dan il-kweżit jeżorbita l-valur ekonomiku jew kummerċjali indirizzat mir-rikorrenti". L-esponent ma jaqbel xejn ma' dina l-konklużjoni, tant hu hekk li l-liġijiet ta' pajjiżna jagħtu danni morali fil-każ ta' inġurja.

»Rigward l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, dan jipprovdi protezzjoni lid-dritt għad-dinjità taħt it-titolu ta' "*right to private and family life*". Il-qorti qalet li s-sospensjoni tiegħu saret obbligatorja għall-intimata. Iżda l-appell-ant ma jistax jaqbel ma' konklużjoni bħal dik meta l-intimata naqset li taġixxi skont ir-Regolamenti u spiċċat biex ivvintat akkuża fuqu u saħansitra nfurmat lill-*Public Service Commission* li kienu nbdew proċeduri ta' dixxiplina kontra tiegħu meta dan ma kienx minnu, u dan mingħajr ma għamlet l-ebda tentattiv biex tikkonsulta mal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali skont ir-regolament rilevanti. Għalhekk, meta l-ewwel qorti sabet li l-inġerenza fil-ħajja privata tiegħu kienet tirriżulta bħala "ġustifikabbli f'soċjetà demokratika" u li "saret skont il-liġi", il-konklużjoni tagħha kienet manifestament żbaljata. Biex inġerenza tiġi ritenuta skont il-liġi u meħtieġa f'soċjetà demokratika la jista' jkun

hemm akkuża ivvintata u lanqas jista' jkun hemm applikazzjoni ħażina tar-Regolamenti, wisq inqas jista' jkun ingħata tagħrif falz lill-*Public Service Commission*.«

23. Safejn l-aggravju huwa msejjes fuq allegazzjoni ta' nuqqas ta' tħaris ta' dak li jridu r-Regolamenti tad-Dixxiplina, ġà rajna li dan ma huwiex minnu.

24. Dwar l-allegazzjoni ta' ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni, din il-qorti tosserva illi l-attur ma jistax jitqies li kellu l-i*status* ta' vittma. Il-proċeduri ntemmu wara l-investigazzjoni bla ma kien meħtieġ li tinbeda l-fażi ta' determinazzjoni ta' ħtija. Barra minn hekk, l-attur kien mgħarraf b'dak li dwaru kienet qiegħda ssir l-investigazzjoni u ngħata l-fakoltà li jagħti l-verżjoni tiegħu. Tant tħarsu l-jeddijiet proċedurali tiegħu li fi żmien qasir instab li ma kienx hemm każ li għalih kellu jwieġeb. Li tgħid illi fiċ-ċirkostanzi kien hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq hija allegazzjoni fiergħa.

25. Għalkemm tagħder lill-attriċi li kellha tibda kura kontra mard fl-istess żmien meta seħħ dan l-episodju tas-sospensjoni tal-attur (u proprju għax tagħder lill-atturi fiċ-ċirkostanzi partikolari li kienu fihom – u għax tifhem illi x'aktarx din kienet ir-raġuni għal din ir-reazzjoni għalkollox sproporzjonata tagħhom li jiftħu kawża kostituzzjonali – illi l-qorti, minkejja n-natura fiergħa ta' dan l-appell, ma hijiex sejra tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji għal darbtejn) din il-qorti ma tarax li dan l-episodju jista' remotament jitqies trattament inuman jew degradanti jew ksur tal-jedd tal-atturi għall-ħajja personali u tal-familja. Kien episodju sfortunat li, fid-dawl tal-ħtieġa tal-protezzjoni

ta' persuni vulnerabbli, fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma setax ġie evitat. Il-konvenuta ma setgħetx ma tiħux il-pass li ħadet, u tesponi pazjenti għal perikolu, għar-raġuni li mart l-attur kienet qiegħda tieħu kura medika. Kien episodju li ntemm fi żmien relativament qasir; is-salarju miżmum intradd lill-attur; u jekk kien hemm xi danni residwali seta' jintalab rimedju ordinarju għalihom, u għalhekk ma seħħ ebda ksur tal-jedd fondamentali għall-proprjetà. Ukoll, jekk għal xi żmien intefa' dell fuq ir-reputazzjoni tal-attur, dan tneħħa u l-attur ġie vindikat meta ġie stabilit li ma kellu ebda każ xi jwieġeb. Kien forsi jkun mod ieħor li kieku tassew dak li sar sar b'malizzja, iżda din l-allegazzjoni tal-attur b'ebda mod ma ġiet provata. Li tgħid li persuna sawtet lil oħra għax tefgħetilha flixkun flok għax tatha bil-ponn jew bil-ħarta ma hijiex prova ta' malizzja iżda li tgħd li dan hu prova ta' malizzja huwa, minflok, prova tal-atteġġjament għal kollox sproporzjonat li ħadu l-atturi f'din il-kawża.

26. Iżda jekk il-qorti tifhem u tagħder lill-atturi flok iċċanfarhom, ċerta-ment ma tistax tgħid l-istess dwar min tahom il-parir li jagħmlu din il-kawża u, aktar u aktar, dan l-appell, u jaħlu flushom u l-ħin tal-qorti fuq eserċizzju fieragħ. Kawżi bħal din, fejn issir allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali f'ċirkostanzi bħal dawk tallum, ma humiex ħlief trivjalizzazzjoni tad-drittijiet fondamentali biex ma ngħidux ukoll insult għal min tassew iġarrab ksur ta' dawk id-drittijiet, u jkollu jdum aktar milli xieraq biex jingħata rimedju appuntu għax il-ħin tal-qorti jkollu jinħela fuq kawżi bħal din tallum.

27. Dan ir-raba’ aggravju wkoll għalhekk huwa miċħud.

28. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma f’kollox is-sentenza appellata. Tgħid ukoll illi din l-kawża u l-appell li sar mill-atturi huma sintomatiċi tat-trivjalizzazzjoni tad-drittijiet fondamentali.

29. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll ta’ dan l-appell, iħallsuhom l-atturi appellanti. Unikament għar-raġunijiet mogħtija fil-para. 25 ta’ din is-sentenza, il-qorti ma hijiex sejra tikkundanna lill-atturi jħallsu l-ispejjeż għal darbtejn.

Joseph Azzopardi
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr